MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 90/2004/1

Orland Vella

-vs-

Carmelo Saliba

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Orland Vella fejn espona bir- rispett:

Illi l- esponent jikri minghand l- intimati il- fond adebit bhala *boutique* numru 165, Triq San Bastjan, Qormi, bil-kera ta' disghin lira Maltin (Lm90) fis- sena pagabbli kull tlett xhur bil- quddiem.

Illi b' ittra ufficjali datata 25 ta' Ottubru 2004, hawn annessa u markata bhala Dokument 'A', l- intimat informa lill- esponent illi huwa jixtieq jawmenta l- kera tal-imsemmi fond ghal elfejn u erba' mitt lira Maltin (Lm 2,400) fis- sena.

Illi t- talba ferm esagerata tal- intimat ghall- awment fil- kera tal- imsemmi fond mhijiex gustifikata, u l- kera prezenti ta' disghin lira Maltin (Lm 90) fis- sena hi gusta u timmerita li tigi konfermata minn dan il- Bord.

Ghaldaqstant it- talba tal- intimat ghall- gholi fil- kera ghandha tigi michuda minn dan il- Bord.

Ra r- risposta tal- intimat Carmelo Saliba fejn jesponi b' rispett:

Illi gie pprezentat avviz fl- ismijiet indikati fejn qed jigi mitlub illi l- Bord imsemmi jichad it- talba maghmula fl- ittra ufficjali datata 25 ta' Ottubru 2004 nru 3619/04, fejn intalab illi r- rikorrent jibda jhallas l- kera ta' Lm 2400 fis- sena minflok dik ta' Lm 90 fis- sena li qieghed ihallas fil- prezent favur il- konvenut imsemmi, rapprenzentanti kirja tal- fond bl- indirizz 165, Triq San Bastjan, Qormi.

Illi t- talba ghall- awment tal- kera kif mitluba fl- ittra ufficjali hija gusta u timmerita kunsiderazzjoni u ghandha tigi accettata mill- Bord.

Bl- ispejjez.

Ra d- digriet tieghu tas- 17 ta' Jannar 2005 li bih gew mahtura Periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l- AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni ta' l- imsemmija periti teknici fejn jinghad li l- kera ta' Lm 90 fis- sena jaqbez il- kera xieraq li bih l- istess fond kien mikri jew seta jinkera qabel l- 4 ta' Awissu 1914.

Jghamel tieghu r- relazzjoni tal- periti li tghamel parti shiha minn din is- sentenza. Billi l- kera ta' Lm 90 fis- sena diga jaqbez il- kera li bih il- fond kien mikri jew seta jinkera qabel l- 4 ta' Awissu 1914 jilqa it- talba tar- rikorrent bl- ispejjez kontra l- intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------